MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 818/2006

**HSBC Bank Malta plc**
**(C 3177)**

**Vs**

**Clint Cremona**
**(ID 14584 M) u skond digriet moghti nhar id-9 ta` Marzu, 2007, mit-Tribunal sedenti Kenneth Attard u Cornflower Shipping Ltd huma kjamati in kawza**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Settembru, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u hmistax il-lira, disgha u sebghin centezmu (Lm 1,015.79), rapprezentanti kapital, imghax u spejjez relattivi li s-socjeta` attrici kienet giet kostretta li thallas a bazi ta` sentenza moghtija mit-Tribunal diversament presjedut datata 28 ta` Frar, 2006 fl-ismijiet Cornflower Shipping Limited vs Bank of Valletta plc et wara li l-konvenut odjern

kien abbuzivament iggira cheque favur tieghu destinat lis-socjeta` Cornflower Shipping Ltd u dana kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti ma` l-istess avviz.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut Cremona datata 24 ta` Jannar, 2007 fejn ikkontesta t-talba attrici kif dedotta fil-konfront tieghu in vista tal-fatt li l-meritu ta` dina l-kawza gia` jinsab deciz b'sentenza ohra datata 10 ta` Ottubru, 2006, Avviz numru 606/06 PBC mit-Tribunal diversament presjedut fil-kawza fl-ismijiet Kenneth Attard vs Clint Cremona.

Ra l-atti kollha tal-kawza, ezamina d-dokumenti ezebiti u ha konjizzjoni tal-verbali dikjarati.

Ikkunsidra.

Illi in forza tas-sentenza prezentata bhala prova ma` dan l-avviz, il-Bank attur kien gie kkundannat li jhallas lis-socjeta` kjamata fil-kawza il-valur ta` cheque destinat lill-istess kjamata fil-kawza pero` ggirat abbuzivament mill-konvenut favur tieghu bil-konsegwenza li c-cheque in kwistjoni gie depozitat fil-kont tal-konvenut li kellu mal-Bank attur minflok fil-kont tas-socjeta` kjamata fil-kawza.

Illi permezz ta` verbal datat 9 ta` Frar, 2007, is-socjeta` attrici u l-konvenut Cremona qablu fuq il-fatti provenjenti fil-kaz numru 2474/03 ISB u li s-socjeta` kjamata fil-kawza kienet thalset is-sorte relattiv ta` Lm 654.30 minghand is-socjeta attrici.

Illi fuq talba tal-konvenut Clint Cremona mhux opposta it-Tribunal ordna l-kjamata fil-kawza ta` Kenneth Attard u ta` Cornflower Shipping Limited, liema partijiet imsejha fil-kawza ghalkemm legalment notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghat talba attrici.

Illi fir-rikors tal-konvenut Cremona sabiex jissejhu fil-kawza Kenneth Attard u s-socjeta` Cornflower Shipping Ltd, huwa jallega lil hlas mis-socjeta` attrici ta` Lm 654.30 bhala kapital tifforma parti mis-somma ta` Lm 1,157.30 li l-

konvenut kien ammetta li ghandu jhallas lil Kenneth Attard, Avviz numru 606/06 PBC u ghalhekk jista` jaghti l-kaz li Kenneth Attard jispicca li jerga` jithallas l-ammont ta`
Lm 654.30 minghand il-konvenut wara li kien gia` thallas l-istess minghand is-socjeta` attrici.

Illi ghalkemm rapprezentanti tas-socjeta` kjamata fil-kawza ma dehrux meta ssejhu in subizzjoni l-effett legali ta` tali nuqqas taghhom gie sorvolat minn verbali espressi fis-seduti sussegwenti u cioe` li l-istess kjamati fil-kawza kienu thalsu ghas-saldu minghand is-socjeta` attrici odjerna ghal dak kollu li kien dovut mill-konvenut Cremona cioe` l-ammont hawn mitlub f'dawn il-proceduri fis-somma ta` Lm 1,015.79. Inoltre gie konfermat bil-gurament mill-P.L. Adrian Borg li tali somma hawn mitluba mis-socjeta` attrici minghand il-konvenut Cremona kienet ghadha dovuta minnu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji t-talba tas-socjeta` attrici u dana pero` biss fil-konfront tal-konvenut Clint Cremona u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut Clint Cremona sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma rikjesta ta` Lm 1,015.79, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-23 ta` Mejju, 2006 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tal-konvenut Clint Cremona.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------